7 ta' Frar, 1953.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

William Crane *versus* Ġorġ Cilia

**Appell — Provi Ġodda — Xhieda — Inġunzjoni — Art. 206 tal-Kap. 15.**

*Il-Liġi tal-Proċedura tippermetti li jinġiebu fl-appell provi u xhieda li ma nġiebux fl-ewwel istanza f'erba' każi tassattivi, u ċjoè (1)*

*meta l-kontroparti ma topponix, (2) meta min irid jipproduċihom sar jaf bihom wara s-sentenza ta' l-ewwel istanza, (3) jekk quddiem l-Ewwel Qorti tkun saret talba għall-produzzjoni tagħhom u dik it-talba ġiet rigettata, u (4) jekk in-neċessità jew utilità li jinstemgħu dawk ix-xhieda titnissel fit-tieni istanza u ma tkunx ġà teżisti meta l-kawża kienet għadha fl-ewwel istanza.*

*Is-sempliċi ingunzjoni tax-xhieda, debitament notifikati, ma tfissirx li saret it-talba għall-produzzjoni ta' dawk ix-xhieda.*

*Indipendentement minn dawn il-każi tassattivi, imbagħad, il-Qorti tista' hija stess, "marte propria", tordna l-produzzjoni ta' xhieda ġodda; imma dan il-poter tal-Qorti jista' jiġi eżerċitat fil-konkors ta' ċirkustanzi li jilleġittimaw dan l-eżerċizzju tiegħu, bħal meta jkun hemm konflitt ta' provi li fil-ġudizzju tal-Qorti fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ ikun meħtieġ li jiġi prodott dak ix-xhud ġdid, u partikularment jekk dak ix-xhud ikun issemma "ex abrupto"; u ma jistax dak il-poter jiġi eżerċitat f'kull każ, b'mod li tiġi newtralizzata d-dispożizzjoni tal-liġi li tirregola l-produzzjoni ta' xhieda ġodda fl-appell.*

*Dawn ir-regoli huma applikabili anki għall-appellant, għax il-parti hija ekwiparata bħala xhud.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur fl-avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, biex in kontestazzjoni tal-konvenut jiġi dikjarat u deċiż li l-kamra li hemm fil-bitħa tad-dar numru 56, New Street, Żejtun, li attwalment il-bieb tagħha jinsab imblukkat bil-qsari ta' l-attur, tifforma parti mill-komditajiet ta' l-istess dar li huma okkupati mill-attur b'titolu ta' kiri. Għall-finijiet tal-kompetenza, il-kera ta' l-imsemmija kamra u ta' l-imsemmija komoditajiet ma jeċċedix £10 fis-sena. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, tad-9 ta' Diċembru 1952, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat illi mill-provi prodotti t-talba ma tirriżultax ġustifikata;

Rat fol. 5 ta' l-appell ta' l-attur, u fol. 6 iċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u li tiġi milqugħa l-istanza, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti nstema' bħala xhud il-konvenut biss, u l-kawża ġiet deċiża fuq dik l-unika prova. L-attur appellant issa qed jitlob li jipproduċi l-provi tiegħu f'dan l-istadju ta' l-appell. Kif jidher mill-verbal fol. 3 (isfel), fl-unika seduta li fiha fil-Qorti t'Isfel ġiet trattata l-kawża u deċiża, l-attur ma deherx, kif lanqas id-difensur tiegħu;

Issa, din il-Qorti ma tistax ħlief tipprovdi fuq din it-talba ta' l-attur għall-produzzjoni tal-provi tiegħu f'dina l-istanza in bażi għall-art. 206 Kap. 15, li jippermetti din il-produzzjoni f'erba' każijiet tassativi;

L-"ewwel" każ ma japplikax; għax il-kontroparti topponi. It-"tieni" lanqas; għax l-attur ma jippretendix li hu sar jaf b'dawn il-provi wara s-sentenza appellata. Kwantu għat-"tielet" każ, biex dan ikun applikabili, jeħtieġ li quddiem l-Ewwel Qorti jkun hemm it-talba għall-produzzjoni tax-xhud u r-riġett ta' dik it-talba. Issa, għalkemm hu veru li għal dik l-unika seduta l-attur, kif jidher mis-"sub-poena ad testificandum" fol. 2, kellu tliet xhieda debitament notifikati, b'daqshekk ma jistax jingħad li kien hemm it-talba għall-produzzjoni tagħhom; u allura lanqas hu konċepibili li kien hemm ir-riġett tal-prova. Is-sempliċi inġunzjoni ma tistax tiġi ekwiparata għat-talba; għal bosta raġunijiet, ċjoè:— (a) għaliex l-attur seta' (kif jiġri spiss) jirrinunzja għal xhud, anki talvolta fl-interess tiegħu stess; (b) għaliex it-talba għandha tiftiehem li hi dik li ssir bil-fatt li jippreżenta ruħu fit-trattazzjoni l-litigant stess, jew id-difensur tiegħu, u jitlob li ssejjaħ ix-xhud inġunt; (c) għaliex jista' jkun li l-Qorti tkun trid taf l-oġġett tal-prova; (d) u in fine għaliex ma hix inkombenza tal-Qorti li tistruwixxi hija l-kawża ta' parti jew oħra billi tordna li jissejħu x-xhieda fl-assenza tal-parti, għad li, jekk jidhrilha li jkun il-każ, ma hemm xejn li jimpediha li tagħmel hekk. Kwindi ma jistax jingħad li kien hemm it-talba msemmija fil-liġi, u konsegwentement ma setax kien hemm iċ-ċaħda tat-talba. Kwantu għar-"raba'" każ, in-neċessità jew utilità li tissemma f'dan l-inċiż hija dik li titnissel fl-istess tieni istanza u mhux dik li kienet teżisti sa minn qabel (ara "Zammit vs. Tabona", 12 ta' Diċembru

1919, App. Vol. XXIV—I—237);

Hu veru li, *indipendentement* minn dawn il-każijiet, il-*Qorti stess tista'* "*marte proprio*" *tordna* l-*produzzjoni* tax-xhieda; imma dan il-poter jista' jiġi eżerċitat fil-konkors ta' ċirkustanzi li jilleġittimaw dan l-eżerċizzju tiegħu (meta, per eżempju, ikun hemm konflitt fil-provi li jista' jiġi eliminat *bil*-produzzjoni ta' xhud ġdid, jekk, fil-ġudizzju tal-Qorti, fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, ikun xieraq li jiġi prodott dan ix-xhud ġdid, partikolarment jekk ikun issemma' "ex abrupto"), u ma jistax jiġi eżerċitat f'kull każ, b'mod li tiġi newtralizzata d-dispożizzjoni ta' l-art. 206 fuq imsemmi li huwa tassativ;

Għalhekk il-Qorti ma tistax tippermetti l-produzzjoni tal-provi ta' l-attur, inkluża x-xhieda tiegħu stess; peress li hu stess ekwiparat għal xhud (ara deċiżjoni ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, "Bellizzi vs. Dr. Hyzler", 26 ta' Mejju 1952, deċiża finalment fis-27 ta' Ġunju 1952;

Fil-meritu, peress li in bażi għall-prova li hemm it-talba ma hijiex sostnuta, u "actore non probante reus absolvitur";

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.